# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-20 ta' Diċembru 2007

## li taħtar membru Grieg tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2008/44/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Grieg,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 ([1]).

(2) Il-post ta' membru wieħed fil-Kumitat tar-Reġjuni sar battal wara r-riżenja tas-Sinjura Fofi GENNIMATA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Hija b'dan nominat fil-Kumitat tar-Reġjuni bħala membru għall-bqija tal-mandat attwali, li jispiċċa fil-25 ta' Jannar 2010:

Is-Sinjura Evangelia SCHINARAKI-ILIAKI, Prefett tal-belt ta' Heraklion fi Kreta.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol b'effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. NUNES CORREIA

([1]) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.